MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 477/2004/1

**John Louis u Maria Dolores *sive* Doreen konjugi Camilleri**

**vs**

1. **The Merlin Library Ltd**
2. **Arthur John Gruppetta**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-1 ta' Settembru 2004 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom (1) prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li d-dokument miktub u pprezentat minnhom, jew min minnhom, lid-

Dipartiment tal-Edukazzjoni datat 26 ta' Settembru 2003 (Dok A), fiha dikjarazzjoni li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lin-negozju ta' l-atturi (2) jhallsu lill-atturi dawk id-danni attwali u morali kontemplati fl-Art.29 tal-Kap 248 (Ligi Dwar l-Istampa).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 t'April 2004 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Merlin Library Limited fejn eccepiet:

i. Illi preliminarjament, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom fil-kawza odjerna;

ii. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontenut tad-dikjarazzjoni allegatament falza u malafamanti ma gietx redatta mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

iii. Illi sussisdjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, d-dikjarazzjoni la hija libelluza, la hija malafamanti, u lanqas taghmel hsara lin-negozju tal-atturi u kwindi l-atturi ma sofrew l-ebda dannu attwali jew morali;

iv. Illi l-istess dikjarazzjoni ma taddebita l-ebda fatti foloz lill-atturi;

v. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-kliem miktub, l-atturi la huma identifikati u lanqas identifikabbli;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Arthur John Gruppetta fejn eccepixxa:

i. Illi, qabel xejn, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom fil-kawza odjerna;

ii. Illi m’hemm xejn fil-kliem li gie miktub li hu malafamanti jew libelluz fil-kontront ta’ l-atturi kif allegat minnhom;

iii. Illi mill-kliem miktub, l-atturi la huma identifikati u lanqas identifikabbli;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ma addebita l-ebda fatti foloz lill-atturi;

v. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ma sofrew ebda danni attwali jew morali u dan stante li t-tender gie moghti lid-ditta ‘Discovery’ c/o John Camilleri li prezumibilment hu l-istess attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Permess ta’ *tender* numru 25/03 ippublikat f’Settembru 2003 id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni ghamel sejha ghall-offerta ghal xiri ta’ kotba maghrufa bhala ‘Happy Series’ li kellhom jintuzaw mill-iskejjel primarji tal-Gvern. L-offerti nfethu fit-12 ta’ Settembru 2003 fl-ufficini tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u kien hemm biss zewg dokumenti. Wahda tad-ditta ta’ l-attur, Camilleri & Camilleri, u ohra illi kienet vojta li pero’ kien fiha l-kliem *“regret, could not quote as above items were blocked for Malta to all parties except one who had prior information.”* Dan il-kumment waqqaf il-process tat-*tender* u bdiet investigazzjoni nterna mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni sabiex jaraw min kellu *prior information.*

Irrizulta illi kien hemm tlett partijiet li kienu jafu minn qabel li l-ktieb kien se johrog ghat-*tender*. Dawna kienu Merlin Library li hija d-ditta konvenuta, Camilleri & Camilleri rapprezentata mill-atturi u Dr Gambin ghad-ditta Audio Vision. Mir-rapport ta’ l-inkjesta rrizulta li d-ditta Merlin Library kienet taf gurnata qabel mill-*website* tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Audio Vision kienu jafu jumejn, izda ma rrizultax Camilleri & Camillleri meta kienu jafu. Biss f’Marzu 2003 inghataw l-esklussivita’ mill-Oxford University Press li kienet tippubblika s-serje ‘Happy Series’. Il-bord ta’ l-inkjesta wasal ghall-konkluzzjoni illi ma kienx hemm ragunijiet ghaliex it-*tender* kellu jigi mwaqqaf u kellu jinghata. Ghamlet serje ta’ rakkomandazzjonijiet sabiex fil-futur dan it-tip ta’ ncident ma jergax isir.  It-*tender* fil-fatt inghata lid-ditta gestita mill-attur u l-kotba gew imqassma fl-iskejjel ghas-sena skolastika ta’ wara u cioe’ minn Ottubru 2004 sa Gunju 2005.

Ghall-attur l-ghoti tat-*tender* sena wara kien ifisser telf finanzjarju u deherlu li kien ingurjat bil-kliem fuq imsemmi li kien miktub fuq it-*tender document* illi kien vojt. Minn naha l-ohra, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu principalment illi l-atturi mhumiex identifikabbli bil-kliem imsemmi u li fi kwalunkwe kaz ma kienux ingurjuzi.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel eccezzjoni huwa minnu li biex ikun hemm kaz ta’ ingurja  mportanti illi l-attur ikun identifikat minghajr dubbju. F’sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Jannar 1997 fl-ismijiet Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et il-Qorti ta’ l-Appell kienet qalet li m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-attur kienet il-persuna li lilha kien qed jirreferi l-artikolu lamentat.  Din is-sentenza kkwotat parti minn sentenza moghtija mill-Qorti Ngliza fl-ismijiet Sagore vs Hole AL Smith (MR

1901) li qalet *"defamatory statements which are in the air, as it were and do not appear by their words to refer to the plaintiff have got to be made referable to the plaintiff by reason of special facts and circumstances which show that the words can be reasonable construed as relating to the plaintiff."* Dan hu l-istess argument bejn wiehed u iehor li jressaq lil Gatley fil-ktieb tieghu Label and Slander (8th Edition 1981 pg 280 et sequitur).

Is-sentenza lamentata mill-attur ma ssemmix ismijiet, izda biss taghmel referenza ghal ditta wahda illi kellha nformazzjoni minn qabel dwar l-isem tal-ktieb li kien sejjer johrog ghat-*tender*. Fil-fatt Vincent Piccinino ghall-ewwel ighid (fol 19) *"meta ftahna l-ittra tat-tender u rajna dik il-kitba, ma konniex nafu ghal min kien qed jirreferi, u ghalhekk ghamilna l-inkjesta."* L-attur pero' ma kellu l-ebda dubbju l-ghaliex ighid (fol 27) *"jiena fhimt mal-ewwel illi dik ir-rimarka kienet qed tirreferi ghalina ghaliex taghna biss kien hemm."* Fil-fatt huwa minnu illi meta nfetah il-process tat-*tender* kien hemm biss zewg offerti, wahda ta' l-attur u l-ohra in bianc iffirmata minn Arthur Gruppetta u kien fiha il-kliem oggezzjonabbli.

Ikkunsidrat:

Fil-bord ta' l-inkjesta mwaqqaf mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ssejhu biss tlett ditti Merlin Library, Camilleri & Camilleri ta' l-attur u Audio Vision. Ghalhekk l-istess dipartiment deherlu li kellu jillimita t-tfittxija tieghu ghal dawn it-tlett ditti biss u ma kienx difficli biex jigi identifikat ghal min kien qed jirreferi dak il-kliem. L-istess konvenut Arthur Gruppetta a fol 94 jammetti li l-kliem kitbu hu u gharaf il-firma tieghu u ghamilha cara li ma kellu l-ebda hsieb li jinheba wara dak il-kliem illi kiteb li kienu qed jirreferu ghall-attur. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi l-kliem uzat mill-konvenut Arthur Gruppetta *"can be reasonable construed as relating to the plaintiff."* Dan jaghmlu

identifikabbli u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-bqija tal-meritu, rrizulta ampjament ippruvat illi f'Marzu 2003 sitt xhur qabel il-hrug tas-sejha ghall-offerti, l-attur u d-ditta tieghu kienu diga' kkomunikaw ma' l-Oxford University Press sabiex jottjenu u fil-fatt ottjenew l-esklussivita' tad-distribuzzjoni tal-*'Happy Series'.* Fit-12 t'Awissu 2003 l-attur kien talab laqgha ma' Paul Galea Direttur tat-'*Text Book Selection Board'* u Ray Camilleri wkoll mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni sabiex maghhom jiddiskuti l-akkwist tas-serje msemmi. Ghad illi dawn it-tnejn ma taw l-ebda nformazzjoni lill-attur, xorta jindika l-fatt li l-attur kien ben konsapevoli ghal fatt illi d-dipartiment kien interessat fix-xiri tal-kotba.

Skond Ray Camilleri (fol 63) irrizulta illi fid-29 t'Awissu 2003 kienet saret il-konferma mid-dipartiment ghax-xiri tal-kotba u beda l-process ghall-hrug tas-sejha ta' l-offerti. Zgur illi f'dan l-istadju l-attur u d-ditta tieghu kienu jafu li d-dipartiment kien interessat hafna fix-xiri ta' dawn il-kotba u skond hu kien ghalhekk li ssejjah il-laqgha tat-12 t'Awissu halli hu u d-ditta tieghu jkunu jafu s-sitwazzjoni x'kienet.  Jibqa' jinsisti pero' li ma kienx jaf li l-Gvern kien se jaghzel il-'Happy Series' ghall-iskejjel tieghu (fol 38).  Pero' a fol 39 ighid *"mistoqsi jistax ikun illi dan ifisser illi jiena kelli prior information illi d-dipartiment kien behsiebu jbiddel il-ktieb, nghid illi veru jiena kelli dik l-informazzjoni, izda dina ma kienetx limitata ghalija biss."*

Mistoqsi dwar l-uzu tal-kelma 'blocked' l-attur wiegeb *"il-kelma 'blocked' uzata f'dak id-diskors hija wahda reali u wzata f'termini tal-computers. Fis-sens, illi meta inti titlob li ggib il-ktieb minghand xi ditta ohra, jekk mhux minn taghna,*

*dik it-talba tigi 'blocked' u ma tistax tigi processata. Fil-fatt il-kliem "all items were blocked for Malta for all parties except one" huwa veru."*

Ikkunsidrat:

Attur qieghed jinvoka favur tieghu l-artikolu 29 tal-Kap 248. Dan l-artikolu jghid *"kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-att, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lil xi negozju jew proprjeta' ohra, jehel......"* Quindi ghal fini ta' din il-kawza jrid jirrizulta li l-konvenut kien jaf li d-dikjarazzjoni li kien qieghed jaghmel kienet wahda falza u li x'aktarx kienet se taghmel hsara lil xi negozju. Huma dawn iz-zewg elementi li jridu jissussistu sabiex it-talba ta' l-attur tirnexxi. Irrizulta pero' illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut Gruppetta ma kienetx wahda falza ghaliex kien l-istess attur li ammetta li bl-esklussivita' li akwista mill-Oxford University Press effettivament ibblokka l-access ghall-ktieb ghad-distributuri kollha ta' Malta hlief tieghu. Ammetta wkoll li kellu *"prior information"* dwar l-intenzjoni tal-Gvern illi jixtri l-ktieb imsemmi. Il-process kollu ghall-akkwist tal-ktieb gie segwit mill-attur ghal mill-inqas sitt xhur qabel ma ttiehdet id-decizzjoni. Dana pero' ma sarx b'malizja jew b'xi qerq ghaliex kien facli ghal min hu fil-mestier illi jinduna x'inhuma l-intenzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fl-ghazla ta' ktieb jew iehor. (ara xhieda Vincent Piccinino fol 23). Ghalhekk il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li ma rrizulta l-ebda att mhux xieraq minn naha tal-attur ghall-akkwist ta' informazzjoni dwar l-intenzjoni tal-Gvern. Pero' d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-attur li kellu "prior information" kienet wahda korretta. Ghalhekk il-Qorti issib illi wahda mill-elementi necessarji ghar-rabta tad-dikjarazzjoni mac-censura ta' l-artikolu 29 fuq imsemmi hija nieqsa, u cioe' l-falsita' tad-dikjarazzjoni u b'dan in-nuqqas l-istanza attrici ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.”

Bl-appell taghhom minn din is-sentenza l-atturi jobbjettaw illi l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti ghaliex, fuq il-fehma taghhom, il-kliem addebitati lill-konvenuti kien ifisser illi l-process tat-*tender* kien “*tainted*” u irregolari.  Kien ifisser ukoll li huma kellhom *“prior information*” u dan gie michud minnhom;

Kif jirrizulta mill-att promotur ta' l-Avviz, l-atturi jibbazaw l-azzjoni taghhom ghar-rizarciment tad-danni fuq id-dispost ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248) li jipprovdi illi “kull min, b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 ta' dan l-Att, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lil xi negozju jew proprjeta` ohra, jehel li jhallas, minbarra d-danni li jkollhom jithallsu taht xi ligi ohra li tkun issehh dwar kull telf jew hsara attwali, somma ta' mhux izjed minn €11,646.87 li tigi stabbilita mill-Qorti kompetenti”;

Jibda biex jigi affermat in linea generali illi r-reputazzjoni kummercjali ta' negojant jew ta' intraprenditur tista' tigi avversament kolpita minn atti li jolqtu direttament lill-impriza jew lin-negozju tieghu.  Ad ezempju, ghal skop ta' konkorrenza, bit-tixrid ta' notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew il-kummerc tieghu [ara Artikolu 34(1) tal-Kodici tal-Kummerc].  Tista' wkoll in-notizja, informazzjoni jew dikajrazzjoni tikkolpixxi r-reputazzjoni personali tieghu billi ggiblu diskreditu.  Proprju d-disposizzjoni fuq riprodotta tikkontempla id-diffamazzjoni kummercjali billi tikkastiga dik il-kondotta skoretta, idoneja biex tippregudika u tiddanneggja l-prestigju u l-unur kummercjali tajjeb ta' l-imprenditur;

Huwa wisq evidenti mbaghad minn dan l-istess provvediment tal-ligi illi biex l-atturi jirnexxu fl-azzjoni taghhom huma jridu jippruvaw, u dan apparti l-fatt tal-pubblikazzjoni ta' l-istampat, il-falsita` tan-notizja u l-arrekar tal-hsara lin-negozju taghhom. Koncettwalment, kif imfisser fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim' Awla tal-10 ta' Gunju, 1949 in re: "**Alfredo Mifsud -vs- Gaetano Azzopardi**", "il-kelma 'falz' tfisser, fis-sinjifikat estiz taghha, kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwaliasi mezz". Applikat ghall-fattispeci, fejn tirrizulta, il-falsita` tal-fatti affermati tikkostitwixxi att illecitu u, anzi, in-notizja falza issir vejikolu ta' illecitu denigratorju. A contrario sensu, fejn dawk l-istess fatti affermati jinstabu li huma konformi ghall-verita`, dawk l-istess fatti divulgati jeskludu l-illicejeta`;

Il-Qorti dehrilha li kellha tissofferma fuq dan il-punt ghaliex jidher mill-korp ta' l-appell quddiemha, fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata, illi l-aggravju principali u sostanzjali ta' l-appellanti jirpoza ruhu proprju fuq il-kontenzjoni illi l-kliem attribwibbli lil min kitibhom fuq it-*tender form* u taht il-firma tal-konvenut Arthur Gruppetta (fol. 3) – "*Regret could not quote as above items were blocked for Malta to all parties except one who had prior information*" – kienu ta' attribuzzjoni falza. Ghal din id-deduzzjoni ta' l-atturi l-istharrig probatorju f'dan il-kuntest kien altament essenzjali u ta' rilevanza guridika;

Gie sottomess mill-appellanti illi dik in-notizja jew dikjarazzjoni kienet hekk falza fiz-zewg allegazzjonijiet taghha, u cjoe, li (i) "*above items were blocked for Malta to all parties except one*" u (ii) illi dan il-parti l-iehor "*had prior knowledge*". Kwantu ghall-ewwel allegazzjoni l-appellanti jipotezzaw illi ghalkemm hu minnu li huma kellhom l-agenzija esklusiva tal-kotba tas-serje "Happy" minghand l-Oxford University Press, il-konvenuti setghu dejjem akkwistaw il-kotba minghand grossist jew dettaljatur lokali tal-kotba. Kwantu ghat-tieni allegazzjoni huma jissottomettu illi kien hemm l-izmentita guramentata

taghhom illi kellhom "*prior information*" dwar l-intenzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li jixtri l-kotba ta' dik is-serje;

L-ewwel Qorti rrigettat l-addebitu tal-falsita` f'dawk il-kliem ghaliex sabet li din mhux biss ma gietx accertata izda, inversament kellhom ingredjenti ta' veridicita`, u dan ma setax iwassal ghal konferma ta' l-ezistenza tal-malafama di fronte ghall-atturi. Dik il-Qorti ma strahetx, *sic et sempliciter*, fuq l-awtorita` taghha izda sabet elementi ta' korroborazzjoni fix-xhieda provvduta u fic-cirkustanzi generali tal-kaz. Hekk, per ezempju, il-Qorti rravvizat, fuq ix-xhieda ta' Vincent Piccinino (fol. 17 *et sequitur*) illi qabel il-hrug tat-*tender* kien hemm min diga` kellu gharfien taghha. Min, xhur qabel, u min anqas, gurnata jew tnejn. Skond dan ix-xhud dan hekk irrizulta fil-kors tal-process investigattiv mill-Bord ta' Inkjesta u, b'referenza ghall-atturi, zied jghid illi ghalkemm ma rrizultax ezatt meta dawn saru jafu, gie skopert illi ghall-habta ta' Marzu dawn kienu ottjenew esklussivita` minghand il-*publishers* tad-distribuzzjoni tal-ktieb. *Ipsissimis verbis*, "qatt ma tawna risposta. Kellna hafna tidwir" (fol. 24). Ukoll dik il-Qorti spigolat mix-xhieda ta' l-attur John Louis Camilleri (fol. 27 *et sequitur*) l-osservazzjoni illi dan kien a konoxxenza minn zmien qabel tal-fatt illi d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kien behsiebu jintroduci l-"Happy Series" ghas-sena skolastika 2003/2004 fl-iskejjel primarji tal-Gvern. Kien ghalhekk li hu dahal fi ftehim ta' "*esklusivita*" u ppromwova l-ktieb b'organizzazzjoni qawwija. Effettivament jidher li kien dan li nducih jiddikjara illi "ghalhekk dehrilna li ma kienx sew li wara li naghmlu dan ix-xoghol, il-ktieb jigi u jkun jista' jinbiegh minn kulhadd" (fol. 28). F'certu sens ukoll minn din id-dikjarazzjoni difficli li tigi sostenuta t-tezi avallata mill-appellanti illi l-ktieb seta' dejjem jigi minn terzi kompetituri akkwistat fis-suq lokali;

Fuq ir-riflessjoni ta' l-istess elementi probatorji hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-Qorti ta' l-ewwel istanza sewwa ddecediet. Ma kien hemm l-ebda notizja falza, u allura illecita, l-ebda kliem ingannevoli intiz biex

jiddiskredita lill-atturi fir-reputazzjoni kummercjali taghhom jew, xort'ohra, mahsuba biex jadombraw l-integrita personali taghhom.  Fic-cirkostanzi, ma kienx hemm raguni biex tigi applikata d-dixxiplina normattiva prevvista fl-Artikolu 29 tal-Kapitolu 248.

Ghal motivi kollha predetti u dawk l-ohra ta' l-ewwel Qorti l-appell qed jigi michud, u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------